## IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Ġimgħa, 13 ta' Mejju 2022**

**Talba numru 235/2021SFJ**

**ELMO INSURANCE LIMITED (C3500)**
**VS.**
**PIERRE CIANTAR (257074M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fid-9 ta' Awwissu 2021 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-konvenut ikun ikkundannat iħallasha s-somma ta' elf u tlett mija u tlieta u erbgħin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€1,343.68) għar-raġunijiet hemm imfissra;

Ra li l-konvenut ġie nnotifikat tramite l-proċedura deskritta fl-Art. 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ra li l-konvenut ma ppreżenta ebda Risposta u ma deher għal ebda seduta;

Ra l-kapitolu ppreżentat mis-soċjetà attriċi fis-seduta tat-8 ta' Frar 2022;

Sema' l-provi, ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-13 ta' Mejju 2022.

**<u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

Il-konvenut, għalkemm debitament mgħarraf bl-Avviż tat-Talba u nnotifikat skont il-liġi, naqas li jippreżenta Risposta u naqas ukoll li jidher f'xi seduta jew oħra.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* l-kontumaċja mhijiex ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Din il-kawża hija waħda li permezz tagħha s-soċjetà attriċi qed tipprova tieħu lura ammont ta' flus mill-klijent tagħha (il-konvenut), liema ammont ta' flus hija kienet obbligata tħallas fir-rigward tal-*lodo* arbitrali numru M4651/2016 fl-ismijiet ***Mapfre Middlesea plc et vs. Elmo Insurance Limited et***. Is-soċjetà attriċi spjegat li meta l-Pulizija nvestigaw l-inċident stradali li kien jifforma l-mertu tal-*lodo* relattiv, ġie skopert li Ciantar kien ittieħed fl-Għassa tal-Pulizija f'Ħal Qormi u ġie misjub li kellu livell ta' alkoħol ogħla mill-massimu permess. Konsegwentement, huwa tqies li kiser il-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni.

It-Tribunal jagħmilha ċara li f'dan il-każ, ma ġiet ippreżentata ebda kopja, legali jew informali, tas-sentenza tal-qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni kriminali versu l-konvenut, u lanqas hemm xhieda li jistgħu jipprovdu konferma indipendenti li fid-data u fil-ħin relattiv, il-konvenut verament kellu livell ta' alkoħol ogħla mill-massimu permess.

Jirriżulta li s-soċjetà attriċi tibbaża l-kawża unikament fuq il-parti tar-rapport tal-Pulizija (NPS 7/Q/2297/2015) li fiha jingħad mill-uffiċjal li rrediġa r-rapport li "*…Pierre Ciantar ittieħed ġewwa l-Għassa ta' Ħal Qormi u sarlu t-test hemm fejn irriżulta 93/mg/100ml.*"

Għalkemm f'dawn il-proċeduri speċifiċi, ma tressaq ebda xhud sabiex jikkonferma dan, jirriżulta mill-*lodo* relattiv ippreżentat fl-udjenza tal-5 ta' April 2022 li fil-proċeduri tal-arbitraġġ, kien tressaq sabiex jixhed PS1243 George Polidano li esebixxa l-okkorrenza u qal taħt ġurament li l-*breathalyser test* li sar fuq Ciantar irriżulta fil-pożittiv, jiġifieri li Ciantar kien taħt l-influwenza tal-alkoħol.

Huwa minħabba din ix-xhieda ġuramentata misjuba fil-kopja legali tal-*lodo* li dan it-Tribunal huwa sodisfatt li Ciantar verament kien taħt l-influwenza tal-alkoħol u konsegwentement għandu jagħmel tajjeb għall-flejjes imħallsin mis-soċjetà attriċi fil-proċeduri tal-arbitraġġ hawn fuq imsemmija.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata u wara li sema' lix-xhieda, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf u tlett mija u tlieta u erbgħin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€1,343.68), bl-imgħax li għandu jiġi kkalkulat b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, dekorribbli mill-20 ta' Mejju 2019, sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi l-ispejjeż kollha konnessi mal-ittri uffiċjali relattivi ladarba ġiet ippreżentata prova tal-eżistenza tal-istess ittri uffiċjali.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**